Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-18 ta' Lulju 2007 — Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit

(Kawża C-155/06)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 96/29/Euratom — Ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti — Nuqqas ta' traspożizzjoni korretta fit-terminu previst"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punti 18-20)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta d-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' l-Artikolu 54 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom, tat-13 ta' Mejju 1996, li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti (ĠU L 159, p. 1) — Nuqqas ta' dispożizzjonijiet li jippermettu l-implementazzjoni ta' kull intervent xieraq fis-sitwazzjonijiet kollha li jwasslu għal espożizzjoni fit-tul li tirriżulta mill-effetti ta' wara emerġenza radjoloġika jew mill-eżerċizzju ta' prattika jew ta' attività professjonali fil-passat.

Dispożittiv

1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, il-miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi kollha meħtieġa sabiex ikun hemm intervent xieraq fis-sitwazzjonijiet kollha li jwasslu għal espożizzjoni fit-tul għal radjazzjoni jonizzanti li tirriżulta mill-effetti ta' wara emerġenza radjoloġika jew mill-eżerċizzju ta' prattika jew ta' attività professjonali fil-passat, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu

skond l-Artikolu 53 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom, tat-13 ta' Mejju 1996, li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti.

2) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Lulju 2007 — Op-en Overslagbedrijf Van der Vaart vs Staatssecretaris van Financiën

(Kawża C-402/06)

"Tariffa Doganali komuni — Klassifikazzjoni tat-tariffi — Nomenklatura Magħquda — Prodott magħmul mill-koagulazzjoni tal-ħalib u l-estrazzjoni ta' parti l-kbira mix-xorrox"

Tariffa Doganali Komuni — Intestaturi tariffarji (ara l-punti 27, 35, dispożittiv 1, 2)

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hoge Raad der Nederlanden — Interpretazzjoni ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1734/96, tad-9 ta' Settembru 1996, li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 238, p. 1) — Prodott miksub mill-koagulazzjoni tal-ħalib u l-estrazzjoni ta' parti kbira mix-xorrox li fih madwar 2% tal-proteini tax-xorrox dekomposti permezz ta' enzima miżjuda fil-proċess ta' tnixxif li jdum minn 24 sa 36 siegħa.